KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 48** **Tlieta 5 ta' Lulju 2022**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:25 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Christopher Grech – Sindku
Rachel Abela - Viċi Sindku
Keith Cassar- Kunsillier
Francis Deguara - Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Maria Pia Bonnici - Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Danny Farrugia - Kunsillier
George Borg - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Angele Rapa - Kunsillier
Shirley Abela - Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Mikhail Micallef - Kunsillier

**MISTIEDEN:** Avv. Mario Mifsud

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Chris Grech ippreseda l-laqgħa.

**48.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsilliera Rapa, S. Abela u Zerafa, u nfurmat li l-Kunsillier Micallef jinsab l-isptar. Il-membri preżenti unanimament approvaw l-ittri ta' apoloġija, kif wkoll li l-Kunsillier Micallef jiġi skużat.

**48.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti nru 46 u 47**
**REF: 43.3.4 Kommunikazzjoni- Quotation for Hard stone kerb**
Is-Sindku nforma, li kif mitlub, hu kellem lil Perit Raphael Abdilla ta' Infrastructure Malta (IM) biex jagħtina bil-miktub li s-*service culvert* ser jitħallas minn IM kif wkoll it-*timeframes* peress li għadna ma rċevejna xejn. Għalkemm għandna l-kelma tal-eks CEO, ta' Noel Vella u tal-Perit Abdilla, il-Kunsill ma għandux bil-miktub. Il-Kunsillier Cassar nforma li mportanti li dak li ġie konfermat verbalment min IM, għandu jintbagħat lill-Kunsill bil-miktub.

**REF: 37.4.14 Triq Durumblat u Triq il-Mitħna**
Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk jistax jkollna *update* ta' lis-*snag list*, għax għadhom jkissru l-bankini u qed jerġgħu jagħmluhom. Is-Sindku nforma li sar xogħol ħażin mil-kuntrattur u jrid jirranġa a spejjeż tiegħu, fosthom bankina maqsuma, *zebra crossings* mingħajr *tactile surface* u affarijiet oħra.

**REF: 33.3.6 Kommunikazzjoni – Bidnija Bridge Condition Report u Miżura 4.3 EAFRD**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li rapport għadu ma wasalx imma tabelli temporanji '*Weight Limit 5 tons',* ser jitwaħħlu għada, inkluż tabelli tal-wied li mhux permess muturi, kif wkoll tabella tal-ħamiem fil-pjazza, u tas-CCTV fil-Pjazza u Pjazza 16 ta' Settembru.

**REF: 43.3.8 Kommunikazzjoni- Vjal Ragusa, Triq il-Pont u Triq ir-Rebbiegħa**
Is-Sindku nforma li wara li ntwerew l-pjanti fejn ser jsiru l-*culverts,* u wara li il-Kunsillier Cassar issuġġerixxa li ssir fergħa oħra biex tgħaqqad ma triq il-ġdida, is-Sindku nforma ħa ssir laqgħa fit-12 ta' Lulju fl-10:00am, u stieden il-Kunsilliera biex min jista' jattendi miegħu, u l-Kunsillier Cassar issuġġerixxa estensjoni tal *culvert* li IM qed jagħmlu biex jilqa' l-ilma f'tarf Triq EB Vella.

**REF: 44.3.3 Kommunikazzjoni – Fire Alarm HC/Local Council Building**
Il-Kunsillier Cassar nforma li għad jrid jevalwa l-kwotazzjonijiet.

**REF: 44.3.4 – Kommunikazzjoni – Byelaw Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**
Is-Sindku nforma li s-Sa. Fenech mil-Lands Authority batitlu pjanta taz-zona u li rridu napplikaw billi nibgħatu formola LC1 *type* B. Is-Sa. Fenech infurmatna li r-rati tal-gvern huma 0.23ċ kull metru kwadru, li jfisser li l-kera tkun madwar 4,900 Ewro fis-sena. Madankollu dan jista' jvarja jekk ikun hemm strutturi ta' bini immobbli fis-sit, li għandhom rata differenti (€6.99 kull metru kwadru).
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li qabel napplikaw irridu nġiebu *no objection* mid-DLG.

Il-membri preżenti approvaw li napplikaw mad-DLG għal *no objection* għad-devoluzzjoni ta' Ġnien l-Għarusa tal-Mosta.

**REF: 44.4.6 Twinning Millbrae u REF: 45.10.13 Ġemellaġġ Ragusa**
Il-Kunsillier Deguara nforma li nġabret kwotazzjoni waħda għal-fuljett għax ma kienx hemm biżżejjed żmien u kull ma sewa 100 Ewro. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil-membri preżenti li ma jistgħux jġibu kwotazzjonijiet jew jordnaw xogħolijiet min-*suppliers* oħra jekk aħna jkollna l-kuntrattur tagħna.

Saret diskussjoni u sar qbil li għandu dejjem jkun hemm baġit approvat qabel kul avveniment.

Fis-7:00 saret sospensjoni ta' l-aġenda biex tiġi diskussa *item* 48.3.3 Kommunikazzjoni - Nomini Ġieh il-Mosta

**REF: 44.4.4 Charging Pillars**
Il-kumitat tat-*traffic management committee* għażel iz-zoni u l-lista ntbagħtet lil Ministeru għall-Enerġija, Intrapriża u Żvilupp Sostenibbli.

**REF: 46.6.1 Arbitraġġ PAMA u Tal-Ġeneral Co. Ltd.**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għandu jiġi l-avukat tal-Kunsill biex jagħti *update* dwar PAMA, Tal-Ġeneral Co. Ltd, kif wkoll dwar WM Environmental Ltd. Is-Segretarju Eźekuttiv nfurmat li attendiet għal-arbitraġġ fit-30 ta' Ġunju imma l-imħallef m'attendiex u għalhekk ġiet differita għat-22 ta' Settembru 2022.

**REF: 46.6.6 – Ħatra tal-Bord il-ġdid tal-Interviews**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ħa tikkuntattja l-bord biex jitkompla il-proċess ta' ingaġġ ta' skala 13 u skala 16.

**REF: 46.6.7 – Ħatra tal-Bord il-ġdid tat-Traffic Management Committee**
Is-Sindku nforma li ħatar lil-Kunsillier George Borg, fejn tkellem ma l-Onor. Romilda B. Zarb l-eks Sindku li kienet tifforma parti mit-*traffic management committee,* fejn spjegala r-raġunijiet biex ma tibqax parti min dan il-bord. Is-Sindku nforma li l-Onor. B. Zarb nfurmat li m'għandiex problema biex ma tibqax parti mit-*traffic management committee,* imma hemm Kunsilli oħra li għandhom Membru Parlamentari li jiffurmaw parti mil-bordijiet/sotto kumitati ta' Kunsilli, u fil-passat dan l-istess Kunsill kellu lil-Onor. Ivan Bartolo li kien membru f'bord/kumitat.

Saret diskussjoni u l-membri preżenti unanimament qablu li ma jkun hemm ebda Membru Parlamentari li jiffurmaw parti min-bordijiet u/jew sotto kumitati ta' kunsilliera, li jaqaw taħt il-kappa tal-Kunsill Lokali tal-Mosta.

**REF: 46.4.2 – Kommunikazzjoni – Green Areas Tender**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li bħala nformazzjoni, dan it-tender permezz ta' ekonomiji ta' skala jippermetti lill-Kunsilli jfittxu offerta aħjar. Offerta bħal din tkun fuq l-istess linji tat-tender tal-manutenzjoni tad-dawl tat-triq, fis-sens li t-tender jkun ippubblikat u mogħti mir-Regjun Tramuntana fuq il-Kunsilli parteċipanti. L-offerta tkun amministrata direttament mill-Kunsilli individwali, u l-ħlas isir direttament mil-Kunsill.

Il-Kunsillier Cassar nforma li hu personali ma jaqbilx għax ma jaħsibx li ħa jaħdem sew bħat-tender tad-dawl tat-triq, u għad m'għandiex proposti kemm ser jiswa. Għalhekk il-Kunsillier Cassar nforma li aħjar il-Kunsill jkollu stima tan-nefqa qabel il-membri tal-Kunsill jieħdu deċiżjoni.

Saret diskussjoni u l-membri tal-Kunsill unanimament qablu li jippreferu li l-Kunsill jkollu u jibqa' bit-tender tiegħu.

**REF: 46.4.3 – Kommunikazzjoni – Day Centre Agreement**
Is-Sindku nforma u qara l-messaggi/mails li saru bejnu u bejn is-CEO tal-LESA dwar l-kontro offerta li saret mil-LESA wara t-talba li għamel is-Sindky fil-laqgħa formali li saret il-LESA.

Is-Sindku :

*Your proposal was to add the 25% rent and the 1k water/electricity fees over and above the agreed 500hrs calculated with a flat rate of €15 per hour.*

*If you will be paying approx. €6,000 or €7,000 rent plus €1,000 fees consumption say €8,000 and renouncing 500hrs @ €15 or €7500 we would have taken nothing! You would be paying €8,000 and taking from us €7,500 services by LESA as per the current MOU.*

*To be clear the 25% rent and €1,000 consumption fee should be over and above the 500hrs LESA need to give to the MLC.*
*All I am requesting is that the MLC will have the right to use these hours as necessary (and not 90mins daily) and to receive a statement.*

Fejn is-CEO tal-LESA irrisponda;

*The current arrangement covers approximately 550 hours valued at the rate of €15 – which amounts to €8250 worth of services. (Today the rate has been increased considerable) This was clearly also defined as supervision and enforcement.*

*We are proposing to replace this clause, and instead*

1) *pay the amount of rent due at an agreed percentage, (we have proposed 25%)*
2) *Pay an additional sum to cover for water and electricity costs (we have proposed €1000)*

*In addition, as per our normal duties, we shall continue our enforcement and supervision of the locality.*

*Are you also asking for an additional allocation of 500 to be used by the Council?*

Is-Sindku reġa' irrisponda, li Iva qed nitolbu l-500 siegħa fis-sena apparti l-25% tal-kera u l-€1,000 għall-konsum tas-servizzi. Kieku kellna naqsmu l-kera 50/50, dak hu l-ammont li tkun qed tħallas Il-LESA. Fejn is-CEO irrisponda li l-Kunsill jrid jagħżel; jew 25% tal-kirja u elf Ewro tal-konsum jew is-servizzi tas-siegħat.

Saret diskussjoni fejn il-membri preżenti resqu l-opzjoni li jekk mhux ser naslu, l-LESA għandhom jfittxu uffiċini oħra. Is-Sindku ser jerġa jagħmel laqgħa mas-CEO tal-LESA, biex jipprova jasal għal-nofs il-valur tal-kirja.

**REF: 46.4.5 Kommunikazzjoni- Pjanti Triq Difiża Ċivili**
Is-Sindku nforma li nġibdet l-attenzjoni li meta qed jaslu l-vetturi mar-*roundabout*, hemm ħafna vetturi li qed jgħaddu mil-isqaq fejn qed jgħaddu *two-way,* għalhekk talab lis-Sur Noel Vella ta' Infrastructure Malta (IM) biex jagħlaq lis-sqaq miż-żewġ naħat u l-Perit Albert Spiteri ta' IM qallu li ma jistax, imma tista' ssir *one-way* min naħa waħda. Għalhekk il-Perit ta' IM nforma li ser jsir *one-way* mil-LIDL l-Isfel, li toħroġ min tal-Qares. (Ma jsirx dħul minn Kostituzzjoni lejn Triq il-Qares)

Saret diskussjoni u l-membri preżenti ssuġġerew li triq l-Għassar tkun *one-way* bil-kontra jew tingħalaq għax kif qed jissuġġerixxu IM ħa jinħoloq periklu. Is-Sindku ħa nota biex jinforma lill-Perit Spiteri.

Fis 7:40pm daħal għal-laqgħa l-Avukat tal-Kunsill, u saret sospensjoni ta' l-aġenda biex ngħaddu għal-*item* 48.5.2 - Update: Arbitraġġ PAMA, Tal-Ġeneral Co. Ltd, u WM Environmental Ltd. F'dan il-ħin il-mikrofoni ġew mitfija minħabba l-materja li ser tkun diskussa.

**REF: 46.4.7 Kommunikazzjoni- Reverse Vending Machines in your locality**
Is-Sindku nforma li bagħtu għal-*location* waħda biex jkun hemm *reverse vending machine* fi triq id-Dawr, peress li diġà hemm il-PAMA u LIDL.

**REF: 46.4.8 Kommunikazzjoni- Deficit Situation Year 2021 Unaudited Financial Statements**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li bagħtet imejl lid-DLG fejn nfurmat li hemm bżonn li tiżdied l-allokazzjoni u semmiet dawn il-punti:

- Il-leġislazzjoni sussidjarja dwar attivitajiet li jeħtieġu permess huma baxxi wisq, peress li dawn huma l-istess rati li jmorru lura għal 14-il sena ilu. It-tariffi ġew konvertiti biss mil-Lira Maltija għal Ewro. Eżempju wieħed sempliċi huwa r-rata ta' skip li hija ta' €1.16 kuljum (50ċ tal-Lira l-antika Maltija).

- L-armar SL, huwa ta' € 2.33 metru kwadru (Lm1.00 tal-Lira Maltija l-antika), iżda dan huwa vag għax il-leġiżlazzjoni tgħid li wieħed irid iħalli aċċess adegwat, iżda dak li huwa aċċessibbli għal persuna waħda ma jfissirx li huwa l-istess għal oħrajn. Idealment il-ħlas isir biss jekk l-aċċess ikun inqas minn 1.2m.

- L-avvenimenti għadhom €6.99 kuljum (Lm3.00 tal-Lira l-antika Maltija), dan għal darb'oħra huwa ħlas baxx ħafna li jmur lura għal 14-il sena ilu, u l-lista tkompli. B'kulħadd iżid il-miżati għadna qed niċċarġjaw dawn ir-rati baxxi ħafna.

- Li jkun hemm allokazzjoni adegwata fejn jidħlu ġemellaġġi

- Kwistjoni oħra iżda importanti ħafna għalina hija l-allokazzjoni li nirċievu għal Parks u Ġonna, li hija ta' €70,252. Bħalissa qed niltaqgħu ma' problemi peress li Ambjent Malta / Parks Malta rranġaw Ġnien l-Għarusa tal-Mosta u Ġnien Victor Calvagna, kif ukoll Ġnien Vjal Ragusa.
  Meta entitajiet bħal Parks Malta u Ambjent Malta jirranġaw ġonna bħal dawn jgħadduhom lill-Kunsill u jistennew li l-Kunsill jimantnijhom, iżda bħalissa m'għandniex il-fondi biex nagħmlu dan. Ġnien Victor Calvagna u Ġnien Vjal Ragusa qatt ma kienu ġonna imma siti b'siġar u arbuxxelli selvaġġi, u ħaxix ħażin. Għal dawn iż-żewġ siti qed nistennew x'spejjeż huma involuti biex jinżammu. Fir-rigward ta' Ġnien l-Għarusa tal-Mosta, Ambjent Malta infurmatna li l-ispejjeż biex jinżamm dan il-ġnien biss huwa ta' 60k fis-sena, meta nirċievu biss €70,252. Għalhekk, għalkemm il-Kunsill lest jieħu f'idejh il-manutenzjoni ta' ġonna bħal dawn, fil-verità f'dan l-istadju ma jistgħux jiġu mgħoddija lil-Kunsill.

Id-Direttorat tal-Finanzi u Procurement fi ħdan il-Gvern Lokali, nfurmana biex nduru l-bye-laws u nżidu l-prezzijiet, inaqqsu l-ispejjeż u l-kiri ta' bini

**REF: 46.4.10 Kommunikazzjoni- Northern Cleaning Żieda fil-Prezz**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil-membri preżenti li talbet lin-Northern Cleaning biex jibgħatu kwotazzjoni li trid tiġi annessa mat-talba tad-*direct order* li diġà ntbagħtet lid-DLG, però Northern Cleaning għadhom ma rrispondewx.

**REF: 46.4.13 Kommunikazzjoni – Ħasil tal-Pjazza**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ntbagħtet imejl lil-Cleansing Department dwar il-ħasil tal-pjazza għal qabel u wara l-festa.

**REF: 46.4.15 Kommunikazzjoni – Elles Urban Services**
Is-Sindku nforma li kellna laqgħa oħra mal-kuntrattur Elles Urban Services u ma kuntratturi oħra li jaħdmu flimkien ma Elles Urban Services, fejn lesti li jibdew ix-xogħolijiet imma jridu jikkonfermaw il-prezzijiet. Infurmawna wkoll li *paving blocks* ma jistgħux jsibu.

Saret diskussjoni fejn il-kuntrattur ta' Elles Urban Services nfurmana li l-prezz tax-xibka u tal-konkos kif inhuma llum, ma jistax jaħdem bil-prezzijiet li hemm fuq it-tender. L-Kunsillier Cassar nforma li ma jistax jkun il-kuntrattur jagħżel proġett min ieħor għax għollew il-prezzijiet, jew jaħdem kollox jew jitlaq l-barra, u jinħareġ tender ġdid, wara kollox ilhom pendenti il-proġetti tat-toroq, nistennew ftit ieħor.

Is-Sindku nforma li ħa nistennew risposta bil-prezzijiet u nimxu min hemm.

**REF: 46.5.4 Ġnien Grognet de Vasse u Gnien 15 t'Ottubru**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-kuntrattur Ġovann infurmana li l-għada kellu jmur jnaddaf Ġnien 15 t'Ottubru kif jitnaddaf ħa nkomplu bil-*finishing* tar-*rubber flooring*.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħat numru 46 u 47.

Fis 8:55 saret sospensjoni ta' l-aġenda biex jiġu approvati *items*; 48.6.1 Skeda ta' Pagamenti, 48.6.2 Purchase Orders, 48.6.3 Works Orders u 48.6.4 Petty Cash.

Fid 9:00 il-membri preżenti unanimament approvaw li l-laqgħa tiżdied b'nofs siegħa, sad-9:30pm.

**48.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza**

**48.3.1 – Kommunikazzjoni – Nomini Ġieh il-Mosta u Festa Qargħasel**
Il-Kunsillier Camilleri nforma li l-applikazzjonijiet ta' Ġieh il-Mosta u Rikonoxximent il-Mosta fetħu llum u jagħlqu fil 5 t'Awissu 2022. Ser jkun hemm kumitat ġdid magħmul min, Jimmy Camilleri, Raymond Cauchi u Salvina Muscat, li ħa jaraw l-applikazzjonijiet kif wkoll li jkunu validi, fejn il-kumitat mbagħad jagħti l-kummenti tiegħu, u l-għażla finali tkun għad-deskrizzjoni tal-membri tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillier Camilleri jkunu membri tal-kumitat ex-uffiċjo biex jinfetħu l-applikazzjonijiet.

Il-Kunsillier Camilleri talab biex jiġi approvat baġit għal Jum il-Mosta u Festa Qargħasel. Il-membri preżenti unanimament approvaw is-somma approssimattiva ta' €20,000 għal Jum il-Mosta u Festa Qargħasel. Jekk is-somma taqbeż sew l-€20,000, il-Kunsillier Camilleri ħa jinforma lil-membri tal-Kunsill, għall- kunsiderazzjoni tal-approvazzjoni.

Il-Kunsillier Camilleri nforma u talab approvazzjoni biex flok il-Kunsill jikri *stage* nixtruh u jkun tal-Kunsill għal-avvenimenti mhux nikru kull darba. Il-Kunsillier Camilleri nforma li skont kwotazzjonijiet li talab *stage* jkun jiswa madwar €200. Il-membri preżenti unanimament approvaw li l-Kunsill jinvesti u jixtri *stage.*

**48.3.2 Kommunikazzjoni- Ġnien Victor Calvagna**
Is-Sindku nforma li kellna laqgħa mal-Wastserv dwar Ġnien Victor Calvagna, fejn staqsejna jekk għadhomx *maintenance agreement* kif kien semma l-Kunsillier Camilleri, fejn il-Wastserv infurmawna li m'hemmx. Ġejna nfurmati li t-terminu jiskadi f'nofs Lulju u *maintenance agreement* m'hemmx, u għalhekk se jibgħatulna kemm jaħsbu li hemm spejjez fis-sena biex jkun mantenuti sa l-aħħar tas-sena. Waqt il-laqgħa virtwali nfurmajna l-Wasteserv li jekk il-Gvern Ċentrali ma jżidx l-allokazzjoni fis-sena, il-Kunsill ma jistax jagħti garanzija li jista' jieħu dal-ġnien f'idejh.

Is-Sindku kompla jgħid li talab lil-Wasetserv li ma l-ispejjeż jaħsbu wkoll għal-spejjez ta' ħsarat u vandaliżmu, għax il-Wasteserv nfurmawna li lesti li jagħtu fondi lil-Kunsill biex nieħdu ħsieb dan il-ġnien sa l-aħħar tas-sena. Is-Sindku nforma wkoll li talab lil-Wasteserv biex jieħdu ħsieb huma sa l-aħħar tas-sena sakemm jkollna risposta mid-DLG, mhux mbagħad ngħidulom li ma nistgħux għax ma ġejniex mgħotija fondi, imma qalulna li ma jistgħux għax la lestew il-proġett jridu jgħadduh lil xi ħadd, u għalhekk qed nistennew x'inhuma l-ispejjeż.

**48.3.3 Kommunikazzjoni- Animal Welfare Project**
Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li ġibna €3,000 fondi mir-reġjun tramuntana għal ħarsien ta' l-annimali li ser jitqassmu hekk:

- €500 għal tagħmir li għandu jintuża mill-amministratur tal-annimali tagħna.
- €1500 *neutering*
- €1000 għall-kontijiet tal-vet ta' qtates morda.

**48.3.4 Kommunikazzjoni- Soċjetà Piroteknika 15 t'Awissu u Soċjeta Filarmonika Nicolo Isouard**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li saret talba mis-Soċjetà Piroteknika 15 t'Awissu biex l-Kunsill jgħin fil-ħlas ta' *wardens,* liema kwotazzjoni tammonta għal-€234. Din l-attività ser ssir it-Tnejn 8 ta' Awwissu fejn ser jarmaw l-imwejjed u siġġijiet biex iservu ikel u xorb għal ikla ta' qabel il-festa mill-10am sa nofs il-lejl fi Triq il-Kbira (fil-parti tal-Każin). Ser tingħalaq għat-traffiku Triq il-Kbira quddiem il-każin (mis-city bar l-isfel) bejn il-5.00pm san-nofs il-lejl.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li saret talba mis-Soċjetà Filarmonika Nicolo Isouard biex l-Kunsill jgħin fil-ħlas ta' *wardens.* Din l-attività kellha ssir fil-5 ta' Awwissu imma nbidlet id-data u ser ssir fit-3 ta' Awissu, u qed nistennew il-kwotazzjoni tal-LESA.

Il-membri preżenti approvaw l-kwotazzjoni €234 mis-Soċjetà Piroteknika 15 t'Awissu, kif wkoll approvazzjoni ta' mhux aktar min €250 għal-attività li ser issir mis-Soċjetà Filarmonika Nicolo Isouard

**48.3.5 Kommunikazzjoni- Talba sabiex minn Notch 4 jitla għal Notch 5 minn 1 ta' Awwissu 2022**
Il-membri preżenti approvaw it-talba tas-Sur Debono biex *notch* erba' jitla għal *notch* ħamsa minn 1 t'Awwissu 2022.

**48.3.6 Kommunikazzjoni - Data Processing Services Agreement**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lill-membri preżenti li ntbagħat l-*agreement* lill-membri tal-Kunsill għal *feedback taghhom*, biex jiġi ffirmat. Dan l-*agreement* huwa dwar moniteraġġ ta'

żewġ CCTV kameras mil-*control room* tal-LESA, li qegħdin waħda fi Pjazza man naħa ta' Cauchi u oħra Pjazza 16 ta' Settembru.

**48.3.7 Kommunikazzjoni- Bye Law Reklami fuq Għamara ta' Toroq**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ħa tibgħat imejl lil-Kunsilliera biex jduru 'l bye-laws dwar reklamar u kirja tas-sala, biex jiġu diskussi rati ġodda fil-laqgħa li jmiss.

**48.3.8 Kommunikazzjoni- Coring Works fi triq il-Bażilika**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ntalbet kwotazzjoni għal żewġ toqob quddiem il-palazz fi Triq il-Bażilika. Sid id-dar irranġa l-bankina u ma reġax għamel it-toqob tal-festa li kien hemm.
Il-membri preżenti unanimament qablu li dawn jridu jitħallsu min sid id-dar li rranġa l-bankina meta kien qed jirranġa d-dar.

**48.3.9 Kommunikazzjoni- Mosta Bridge Lighting - Above**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-Inġinier Joseph Azzopardi bagħat email illum fejn kif mitlub fired il-kwotazzjonijiet fi tnejn, dawl ta' taħt il-pont u dawl ta' fuq il-pont man-naħa tat-triq. Dawn intbagħtu lil-Kunsilliera illum biex jagħtu l-*feedback* tagħhom.

**48.3.10 Kommunikazzjoni- Mosta Bridge Lighting - Under**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-Inġinier Joseph Azzopardi bagħat email illum fejn kif mitlub fired il-kwotazzjonijiet fi tnejn, dawl ta' taħt il-pont u dawl ta' fuq il-pont man-naħa tat-triq. Dawn intbagħtu lil-Kunsilliera illum biex jagħtu l-*feedback* tagħhom.

**48.3.11 Kommunikazzjoni- CCTV's Pjazza u Pjazza 16 ta' Settembru**
Is-Sindku nforma lil membri preżenti li t-tabelli ser jeħlu għada u l-Kunsill jrid jiddeċiedi ġurnata min meta ser jibdew joperaw biex navżaw il-LESA. Saret diskussjoni u l-membri preżenti qablu li tal-Pjazza tibda topera mil 25 ta' Lulju, u ta' Pjazza 16 ta' Settembru mil-11 ta' Lulju.

**48.3.12 Kommunikazzjoni- Xogħol mal-lift taċ-Ċentru Ċiviku**
Is-Sindku nforma li beda x-xogħol tal-palmi ta' ma *lift*, fejn avża lil-kuntrattur Borg biex jitkellem ma Ivan tal-Parks, biex naraw fejn ser jerġgħu jeħlu z-żewġ palmiet.

**48.3.13 Kommunikazzjoni- Road Markings**
Is-Sindku nforma li talab biex jsiru r-*road markings* tal-pjazza, Triq il-Kostituzzjoni, San Pawl tal-Qlejja ta' Swaey u Triq Durumblat.

**48.3.14 Kommunikazzjoni- Survey tal-Pjazza**
Is-Sindku nforma li qed jirsisti biex jsir is-*survey* tal-parking attwali kif inhu mill-Lord Nelson sas-City Bar,u minn Jupiter sal-pjazza fejn ser jinġabu tlett kwotazzjonijiet, biex is-sotto kumitat jkun jista' jaħdem fuq it-*timed parking*.

**48.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
**48.4.1 Clean Up ta' Mlit**
Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li ser issir *clean up* min kumpanija privata, kif wkoll proġett żgħir fil-komunità għal-Ottubru. Il-Kunsilliera Bonnici ssuġġeriet li jnaddfu il-ġnien ta' Mlit, u forsi jiżbgħu l-art b'xi passju eċċ. Saret diskussjoni ta' x'jista' jsir u l-Kunsilliera Bonnici għanda tibgħat imejl bid-dettalji lil-Kunsilliera.

**48.4.2 Nar ta' l-Art fuq il-Pavimentar**
Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li s-Soċjetà Piroteknika 15 t'Awissu talbu permess biex jsir in-nhar ta' l-art fuq il-pavimentar, biex in-nhar ta' l-art jibda mil-*bus stop* il-quddiem. Din ħa tkun bi prova biex jaraw jekk id-duħħan jdurx mal-knisja lejn lis-Sphinx.

Saret diskussjoni u l-membri preżenti ma sabux oġġezzjoni, basta jintużaw l-istess toqob u jaħslu bil-*power wash* wara. Jekk issir ħsara li ma tmurx bil-*power wash* trid tissewwa.

**48.4.3 ELC**
Il-Kunsillier Farrugia nforma li wassallu lment li kien wkoll fuq Mosta *residents*, li xi ħadd qed jmur jimla l-ilma fil-5:30am. Il-Kunsillier Farrugia ġie nfurmat li dawn ta' l-ELC, fejn kemm il-darba l-Kunsill irrapporta u tkellem ma l-ELC fejn kien hemm ftehim biex ma jmorrux jimlew qabel is-7:00am.

**48.4.4 Triq it-Trinċetta**
Il-Kunsillier Borg nforma li fi triq it-Trinċetta hemm *soft area*, u kantun fil-kantuniera qiegħed kull darba jintlaqat min-vetturi u jinqala mil-post, għalhekk talab approvazzjoni biex id-dawra kollha tas-*soft area* ssir tal-konkos flok bil-ġebel tal-franka.

Il-membri preżenti approvaw li ssir cinta bil-konkos minflok dik bil-kantun kif inhi fil-preżent.

**48.4.5 Ġnien Victor Calvagna**
Il-Kunsillier Borg staqsa meta ser jinfetaħ il-ġnien u jekk ir-residenti jistgħux jużawh. Is-Sindku nforma li l-ġnien għadu magħluq sakemm jsir l-inawgurazzjoni tiegħu. Qed jitlestew l-aħħar preparamenti.

**48.4.6 IL-KAXXA**
Il-Kunsillier Gatt nforma li fis-sotto kumitat tressqet proposta biex issir kaxxa li jintrema l-plastik fija u d-daqs huwa ta' 2m x 2m. Is-suġġeriment huwa li din il-kaxxa tintrema fiż-żmien il-festa mit-12 sas-16 t'Awwissu u tiswa €250.

Il-membri preżenti approvaw l'ammont ta' €250, u l-Kunsillier Cassar responsabbli mil-festa ntalab biex jsib post fejn titqiegħed.

**48.4.7 Attività għal-Anzjani**
Il-Kunsillier Deguara nforma li batitlu imejl is-Sa. Romina Camilleri taċ-ċentru ta' l-anzjani, u talbet jekk il-Kunsill jistax jgħin fl-attività għal-anzjani li ser issir fit-8 t'Awissu, fejn ħa jġibu kantant li jimita u jkanta kanzunetti ta' Elvis bi ħlas ta' €100.

Il-membri preżenti approvaw il-ħlas ta' €100.

**48.4.8 Ġnien Carmelo Dimech**
Il-Kunsillier Cassar talab *update* dwar Ġnien Carmelo Dimech. Is-Sindku nforma li qiegħed *pending*. Il-Kunsillier Borg qed jieħu ħsieb biex issir laqgħa oħra mal-Ministru Clifton Grima fuq il-proġett tal-parkeġġ taħt l-iskola li jaffettwa parti mil-ġnien. Fuq dan il-proġett tal-iskola ul-parkeġġ, qed jassisti lis-Sindku il-Kunsillier Borg.

**48.5 Rapporti**

**48.5.1 - Update Development Funds as at 5.7.2022**

*Update* tal-lista tad-*Development Funds*, ingħatat lil-Kunsilliera fil-*folder* mad-dokumenti tal-laqgħa.

**48.5.2 - Update: Arbitraġġ PAMA, Tal-Ġeneral Co. Ltd, u WM Environmental Ltd.**

L-Avukat tal-Kunsill Dott. Mario Mifsud ta' *update* dwar l-arbitraġġ PAMA u Tal-Ġeneral Company Limited, u dwar il-kawża WM Environmental Ltd.

Fit 8:20 il-Kunsillier Camilleri talab biex jkun skużat mil-laqgħa.

**48.5.3 - Business Plan 2022 -2026**

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-Business Plan 2022 – 2026 li ġie preżentat fil-laqgħa pubblika nhar 14 ta' Ġunju 2022.

**48.5.4 - KLMT 06-2022 Street Sweeping Services in the Locality of Mosta, using Environmentally Friendly Service Vehicle**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li qed jiġi *drafted* it-tender tal-knis fil-lokalità tal-Mosta, liema kuntratt jagħlaq fl-aħħar tas-sena.

**48.5.5 - KLMT 05-2022 Tender for the Provision of Insurance Services**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li qed jiġi *drafted* it-tender tas-servizzi ta' assikurazzjoni liema kuntratt jagħlaq fl-aħħar tas-sena.

**48.5.6 – KLMT 04-2022 Supply & Removal of old Electrical bollards and installation of new Electrical bollards in Ġnien l-Għarusa tal-Mosta, Mosta**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li t-tender huwa lest u ser jiġi ċċirkulat. Dan il-proġett ħa jkun ffinanzjat mil-iskema SPI/SCI/05/2020 - Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern.

**48.5.7 – KLMT 02-2022 Tender for the Provision of Security Services at Ġnien L-Għarusa tal-Mosta**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li t-tender intbagħat lid-DLG, imma fadal nimlew *templates* oħra, qabel ma jkun approvat.

**48.5.8 – KLMT 03-2022 Services - Provision of General Architectural Services to the Mosta Local Council**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dan it-tender ġie ppublikat u jagħlaq fit-8 ta Lulju.

**48.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**48.6.1 Skeda ta Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 129.

Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 2 ta' Ġunju 2022 sal-5 ta' Lulju 2022.

**48.6.2 Purchase Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-purchase orders.

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**48.6.3 Works Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**48.6.4 Petty Cash**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-petty cash.
Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-lista tal-petty cash li tkopri xahar ta' Mejju 2022. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**48.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-9:35 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat-2 ta' Awwissu 2022 fis-6:00pm.

Konfermati llum 5 ta' Lulju 2022.

IFFIRMATI
Chris Grech
Sindku

IFFIRMATI
Lorraine Templeman
Segretarju Eżekuttiv